
Il-Permessi għall-Bini Residenzjali: K3/2026

NR 212/2026 | Il-Proprjetà | Data tal-Ħruġ: 20/11/2026 | Data tal-Għeluq: 30/09/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija | Viżwalizzazzjonijiet



Il-Punti ewlenin

- Matul it-tielet kwart tal-2026, ħarġu 444 permess tal-bini għal total ta' 2,298 residenza ġdida.
- Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, in-numru ta' residenzi ġodda approvati naqas b'37.4 fil-mija.
- In-numri ta' residenzi ġodda approvati f'Malta u f'Għawdex u Kemmuna naqsu b'35.6 fil-mija u bi 48.0 fil-mija, rispettivament, meta mqabbel mat-tielet kwart tal-2025.
- L-appartamenti ammontaw għal 70.0 fil-mija tar-residenzi ġodda kollha approvati.
- L-akbar numru ta' residenzi ġodda approvati (144) kien irreġistrat f'San Pawl il-Baħar.

Il-Kummentarju


Matul it-tielet kwart tal-2026, kienu approvati b'kollox 2,298 residenza ġdida. Dan l-ammont jirreġistra tnaqqis ta' 37.4 fil-mija meta mqabbel mal-istess kwart tal-2025.

Il-Permessi tal-bini residenzjali u residenzi approvati

Il-permessi tal-bini huma awtorizzazzjonijiet sabiex jinbdew proġetti ġodda ta' bini. L-għan ta' din l-istatistika huwa li juri l-iżvilupp ġejjieni fil-kostruzzjoni f'termini tan-numru ta' residenzi ġodda li jkunu ġew approvati.

Matul it-tielet kwart tal-2026, ħarġu 444 permess tal-bini għal total ta' 2,298 residenza ġdida (Mappa nru 1 u Ċart nru 1). Meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2025, in-numri ta' permessi tal-bini u ta' residenzi ġodda approvati naqsu b'25.1 fil-mija u b'37.4 fil-mija, rispettivament. Ir-residenzi ġodda approvati għal kull permess tal-bini kellhom medja ta' 5.2 (Ċart nru 1).

Mappa nru 1. Numru ta' residenzi ġodda approvati, bil-lokalità (LAU 2): K3/2026



Nota: Għajnsielem u Kemmuna huma klassifikati bħala lokalità waħda. Madankollu, ma kienx hemm permessi għal bini f'Kemmuna.

Ċart nru 1. Il-permessi għall-bini residenzjali u r-residenzi ġodda approvati, biż-żmien




It-Tip ta' residenzi approvati

Il-maġġoranza tar-residenzi ġodda approvati fit-tielet kwart tal-2026 kienu appartamenti (1,608). Wara dawn, kien hemm il-penthouses (358), il-maisonettes (220), it-terraced houses (60) u unitajiet residenzjali oħrajn[1] (52) (Tabella nru 1). L-appartamenti ammontaw għal 70.0 fil-mija tar-residenzi ġodda kollha approvati (Ċart nru 2).

[1] Residenzi "Oħrajn" jinkludu bungalows, farmhouses u villel.

Ċart nru 2. It-tqassim tar-residenzi ġodda, bit-tip




Id-Distretti tar-residenzi ġodda approvati

Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, in-numri ta' residenzi ġodda approvati f'Malta u f'Għawdex u Kemmuna niżlu b'35.6 fil-mija u bi 48.0 fil-mija, rispettivament. L-akbar numru ta' residenzi ġodda approvati kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port (782), filwaqt li l-iżgħar numru kien fid-Distrett tal-Punent (171) (Tabella nru 2).

Il-Lokalitajiet tar-residenzi approvati [2]

L-akbar numru ta' residenzi ġodda approvati kien irreġistrat f'San Pawl il-Baħar (144). Wara, hemm Mal Qormi (130), Il-Ħamrun (119), Marsaskala (109), u l-Mosta (107) (Ċart nru 3).

Ċart nru 3. Ir-residenzi ġodda approvati, bil-lokalità[2] (LAU 2): K3/2026



[2] F'Ċart nru 3, qegħdin jidhru biss l-ewwel 35 lokalità. Il-lista sħiħa tal-lokalitajiet bin-numru ta' residenzi ġodda approvati tidher f'Tabella nru 3.

Il-Proprjetà

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Ottubru 2026

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Settembru 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà Residenzjali (RPPI): K2/2026

It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Awwissu 2026

Il-Permessi għall-Bini Residenzjali: K2/2026

Temi Oħra Relatati

L-Istatistika Bikrija tan-Negozju

L-Istatistika tal-Prezzijiet

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

prices.nso@gov.mt or
stbs.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk joġħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula